MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 115/2004

Stephen u Mary Grace konjugi Borg
vs
Herman McKay

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-atturi li biha ppremettew:

Illi nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta’ Jannar elfejn u erbgha (2004) waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tal-marka BMW bir-registrazzjoni JAX796 gewwa Triq il-Kanun, Qormi, huwa kien saq l-istess vettura fid-direzzjoni ta’ l-attur Stephen Borg.

Illi l-konvenut kien investa lill-attur u, b’rizultat dirett ta’ l-imsemmi incident l-attur kien sofra dizabilita` permanenti u danni konsegwenzjali.

Illi l-imsemmi incident kien sehh unikament tort, bl-ghagir doluz jew negligenti, bl-imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Illi l-konvenut kien gie nterpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha soffert mill-attur izda baqa' nadempjenti.

Illi l-attrici Mary Grace Borg kienet ko-partecipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma' l-attur Stephen Borg u ghalhekk soffriet danni u kellha nteress f'dawn il-proceduri.

L-attur talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli ghall-incident li sehh fit-23 ta' Jannar 2004, fuq deskritt, f'liema ncidenti l-atturi sofrew danni.

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi b'konsegwenza ta' l-incident imsemmi.

3. Tikkundana lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandati kawtelatorji pprezentati konsegwentament, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-atturi.

**B. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' Mary Grace Borg li fiha semmiet illi nhar it-23 ta' Jannar 2004 waqt li l-konvenut kien qieghed isuq il-vettura tal-marka BMW bir-registrazzjoni JAX-796 gewwa Triq il-Kanun, Qormi, huwa kien saq l-istess vettura fid-direzzjoni ta' l-attur Stephen Borg. Illi l-konvenut kien investa lill-attur u, b'rizultat dirett ta' l-imsemmi incident l-attur kien sofra dizabilita` permanenti u danni konsegwenzjali. Illi l-imsemmi incident kien sehh unikament tort, bl-ghagir doluz jew negligenti, bl-imperizja

u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Illi l-konvenut kien gie interpellat sabiex jersaq ghall-likwidazzjoni u hlas tad-danni kollha soffert mill-attur izda kien baqa’ inadempjenti. Illi l-attrici Mary Grace Borg kienet ko-partecipi fil-komunjoni ta’ l-akkwisti ma’ l-attur Stephen Borg u ghalhekk sofriet danni u kellha interess f’dawn il-proceduri. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Xehed Salvu Borg li qal li Stephen Borg kien jigi t-tifel tieghu u li kien joqghod Stephen House, Canon Road, Qormi. Qal li dak in-nhar ta’ l-incident proprju fid-data tat-23 ta’ Jannar 2004, hu u Stephen kienu niezlin mid-dar tax-xhud biex johorgu z-ziemel mill-garaxx. Hu kien ra Pajero tibblokkja l-garaxx u kien hemm sidha hdejha u qallu biex isuqlu pass. Qal li sidha kien il-konvenut Herman McKay. Qal li hu kien irrispondieh li hu kien qieghed hemm imbaghad jghajjatlu, u hu kien qallu li kien ha johrog iz-ziemel issa mill-garaxx u qallu biex isuqlu issa ghalfejn kellu jmurr ghalih. Meta qallu hekk l-konvenut mar jigri ghalih u beda jaghmilu l-mossi f’wiccu, ixejjer idejh. Qal li kien hemm Stephen mieghu li qal lil konvenut biex jhalli lil missieru u l-konvenut telqu u mar fuq Stephen biex jaghmel ghalih. Meta mar fuq Stephen Borg bdew it-tnejn ixejru jdejhom lil xulxin. Ix-xhud beda’ jghajjat lil Stephen biex jmurr hdejh imbghad Herman baqa’ sejjer, telaq bil-mixi u l-Pajero halliha hemm.

Spjega li hu u Stephen kienu dahlu fil-garaxx u ma kienx jaf min saq il-Pajero ftit il-quddiem u hu kien qal lil Stephen biex johorgu z-ziemel mill-garaxx. Qal li hu dahal fil-garaxx qabad il-kapestru li hija c-cinga taz-ziemel biex jigbdu minnha u sadanittant Stephen kien fuq in-naha ta’ gewwa tal-garaxx izda fejn il-bieb u malli qabad ic-cinga taz-ziemel kien semma’ hoss kbir qisu terrimot u tkissir. Qal li meta dawwar wiccu meta kien sema dak il-hoss ra lil Stephen ma’ l-art u fil-frattemp skopra li kienet il-BMW li dahlet fil-bieb tal-garaxx, kienet kissret iz-zewg nahat tal-bieb tal-garaxx u Stephen kien spicca ma’ l-art b’siequ mghollija u hu beda jaghjjat kemm jiflah biex jghajtu ambulanza. Spjega wkoll li l-BMW baqghet diehla mhux dritta ghax il-bieb tal-garaxx ma’ kienx dritt. Baqghet

diehla djagonali li anki misslu l-hajt tal-gemb. Qal li l-karozza dahlet gol-hajt u wehlet hemm.

Sakemm hu kien qed ikellem lil Stephen missier Herman Mckay dahallu fil-garaxx b'cintorin mkebbeb ma idu u beda jtih bil-bokkla tieghu. Hu lil missier Herman beda jghidlu li hu ma kien ghamillu xejn u sadanittant qabad u saq il-BMW lura 'l isfel, pero` ma kienx jaf min, ghaliex hu kien fejn it-tifel fil-garaxx. Qal li hu lil Herman Mckay minn gol-garaxx beda jarah barra l-garaxx vicin l-karozza BMW u beda jzommu hatnu biex ma jidholx ghalihom ghax beda jaqbez biex jidhol ghalihom. Wara dan l-incident imbaghad kulhadd telaq u l-BMW telqu biha. Qal li wara ftit kienu marru l-pulizija fuq il-post u marru xi persuni jiehdu r-ritratti. Qal li meta Stephen qala' d-daqqa kellu siequ mdendla u hu beda jinkwieta hafna u ma telqux minuta u hu beda jghidlu biex icempel l-ambulanza. Qal li l-ambulanza maret u hadu lil Stephen l-isptar.

Ibnu kien ghamel granet zgur l-isptar. Qal li hu ma seta' jara xejn ghax kien fuq in-naha ta' gewwa tal-garaxx fejn il-bieb tal-bitha tieghu u allura ma setax jara l-Herman Mckay isuq. Ma kienx jaf min saq il-BMW ghal gol-garaxx u min saqha lura. Qal li Stephen kien ghadu fuq il-kura tal-Professur Bernard u qal li sahansitra kien gabu l-Qorti, refghu u kien dam hafna mugugh. Qal li Stephen ghadu jmur l-isptar ghall-kura biex jiccekkja dwar meta kien wegga' u dejjem ituh appuntament biex jerga' jmur ghal ***check up***. Qal li kien ghad ghandu l-boldijiet f'saqajh.

Xehed Chokri Trabelsi li qal illi hu mizzewweg lil oht Stephen Borg. Qal li hu dakinhar ta' l-incident kien fi Triq il-Kanun Hal Qormi. Qal li hu kien qieghed dak il-hin ta' l-incident go forn faccata tad-dar taghhom. F'certa hin kien sema' lehen missier il-mara peress li lehnu kien jghajjat semghu u hareg jigri. Dak il-hin meta hareg kien ra lil Herman Mckay li nehha ***slippers*** li kellu f'saqajh, hallieh hemmhekk u x-xhud ghajjatlu u hu kien ghamel idejh ma' halqu u telaq jigri. Lil Herman Mckay kien rah hiereg minn quddiem il-garaxx tad-dar ta' Stephen Borg. Wara hames minuti li kien telaq rah gej bil-karozza u baqa' diehel bil-karozza fil-garaxx tad-dar ta' Stephen Borg. Flimkien ma'

Herman Mckay kien hemm missieru. Meta huwa kien baqa' diehel bil-karozza fil-bieb tal-garaxx wahda mill-bibien kienet inqalghet. Missier Herman Mckay mar jigri fuq missier il-mara tieghu b'cintorin kbir antik u b'bokkla kbira. Sadanittant Herman Mckay mar fuq Stephen Borg li kien ma' l-art imwegga u fil-frattemp missier Mckay mar ihebb ghal missier Stephen Borg.

Stephen Borg kien ma' l-art u kien imwegga'. Bid-daqqa li ha kien twaddab lura fil-garaxx. Qal li missier Stephen Borg qallu li kien kiser siequ minn tlett ibnadi u ghamlulu l-boldijiet minhabba dan l-incident izda aktar dettalji ta' x'kien sofra Stephen Borg ma kienx jafhom.

Xehed Stephen Borg li qal illi dak in-nhar ta' l-incident hu kien mar ghand missieru u missieru kien qallu biex jinzlu jarmaw iz-ziemel u quddiem il-garaxx biex johorgu iz-ziemel kien hemm il-van ta' Herman Mckay u qallu biex jsuqlu ftit biex johorgu z-ziemel u qallu li kien ha jsuqlu. Spjega li mbaghad meta missieru kien rega' qallu biex inehhi l-vann minn hemmhekk, minn quddiem il-garaxx, beda jirrabja u jgholli idu u hu kien mar fin-nofs biex jferraq u jaqbez ghal missieru u kien laqghat anke lil Herman fuq halqu, izda bl-ebda intenzjoni hazin, bl-intensjoni biss li jferraq.

Imbaghad, fil-waqt li hu kien fil-garaxx taghhom, fejn il-vit ta' l-ilma, sema' hoss kbir, kienet dahlet karozza fil-bieb tal-garaxx taghhom li mbaghad kien sar jaf li kienet karozza BMW ta' missier Herman Mckay. Bid-daqqa li qala' l-karozza meta habtet mal-garaxx kienet laqtitu f'siequ wahda, u hu mad-daqqa mtedd lura. Dak il-hin kien mixhut ma' l-art jipprova jqum, ra lil Herman Mckay b'cintorin b'bokkla kbira mdawwar m'idu li beda jipprova jsawwat lil missieru bih u fil-fatt sawwtu u ghamillu tlett tbengiliet go zaqqu bih.

Hu kien mar l-isptar, kienu haduh bl-ambulanza u l-isptar kien rah Dr. Bernard u kien operah hu stess, u kienu rawh ukoll l-assistenti tieghu. Qal li mbaghad meta kien mar id-dar, wara l-isptar, kien baqa' d-dar ghax ma setax jimxi u kien dam b'kollox disa' xhur u nofs sakemm rega' gie

f'postu u rkupra minn dak li kien sofra. Ix-xoghol tieghu kien bhala ***cleaner***, ma' L-Absolut Cleaners li qieghdin stazzjonati f' S.T Microelectronics. Kien ilu jahdem maghhom diversi snin anka qabel kellu dan l-incident imbaghad meta kien sofra l-incident, peress illi ma setax jahdem kien inqata' mix-xoghol bhala ***cleaner*** u kien thallas mill-Labour Office, LM42.00 fil-gimgha. Imbaghad wara dawk id-disa' xhur li kien ghamel id-dar kien rega' dahal jahdem ma' l-istess kumpanija li kien qabel. Qal li kien gie certifikat tajjeb mill-Professur, u kien qallu li seta' jerga' lura ghax-xoghol, izda jekk ikun mugugh jieqaf, u fil-fatt, qal li ghadu sal-lum, jekk jigih ir-rih taghha, ikollu jieqaf. Qal li wara d-disa' xhur imbaghad kien baqa' jidhol regolari, is-sieghat tax-xoghol tieghu huma fil-ghodu ghalkemm ma jahdimx sieghat ***overtime***. Bhala sieghat ta' xoghol hu ghadu jahdem l-istess sieghat bhal qabel ma' kien sofra l-incident.

Xehedet l-ispettur Maria Stella Attard li qalet illi b'referenza ghall-incident li kien sehh fl-2004, kien ghall-habta tas-1.30 pm fejn wara li giet infurmata li kien sehh incident, kien hemm Stephen Borg li kien midrub, wara li kien gara l-incident bil-vettura BMW bin-numru ta' registrazzjoni JAX 796, imbaghad sussegwentement wara li hi kienet marret fuq il-post, u rat lil Stephen Borg midrub ma' l-art, kellu saqajh mimlija demm fuq il-genb, u kien hemm il-vettura ftit 'il boghod u rat il-bieb tal-garaxx, li huwa wiesa` u l-bieb tal-garaxx li kien ***commercial*** garaxx, kien maghluq 'il gewwa b'konsegwenza, li l-vettura kienet dahlet fil-bieb tal-garaxx b'mod eccessiv, anke kif kien gie stabbilit permezz ta' l-inkjesta li saret mill-Magistrat inkwirenti, kien hemm inkjesta magisterjali, u kienu gew l-esperti mekkanici wkoll biex jikkonstataw il-hsara ta' l-istess garaxx.

Qalet ukoll li l-istess BMW kienet giet elevata mill-Pulizija u kienet giet ikkonfiskata mill-Qorti, ghall-fatt li l-istess Herman Mckay, wara investigazzjonijiet li kienu saru, kien gie akkuzat b'attentat ta' qtil fuq l-istess persuna, u anke sahansitra, b'feriti gravi. Giet l-ambulanza, ittiehed l-isptar, u dak il-hin l-istess Herman Mckay kien gie arrestat, u fil-frattemp, kien qed jigi operat Stephen Borg. Fil-frattemp,

hadet l-istqarrija ta' Herman Mckay, l-arrest ta' Herman Mckay, kienet ghamlet l-applikazzjoni fil-Qorti bis-soltu procedura, biex hu jkun jista' jigi arrestat ghal iktar minn 48 siegha. Fil-fatt, kien tressaq il-Qorti l-ghada b'arrest, fejn l-istqarrija tat-23 ta' Jannar 2004, fis-6.40 ta' fil-ghaxija, wara li saritlu twissija. Herman Mckay kien taha dettalji ta' tlett pagni, fejn huwa kien iffirma l-istess stqarrija.

Dwar il-***brakes*** semmiet li kien irrizulta mir-rapport ta' l-espert mekkaniku li l-***brakes***, mhux talli kien ghafas il-***brake***, talli l-vettura ma rizzultalhiex li kellha l-ebda difett mekkaniku, hlief li kellha ftit ***fuel*** fiha, jigifieri jekk dan kien qal li kien ghafas il-***brake***, suppost waqaf. Issa, dan kien baqa' diehel tul id-distanza ghax il-garaxx, huwa ***commercial garaxx*** u huwa fond, irrizulta bl-espert mekaniku li kieku ghafas il-***brake***, il-vettura kienet tieqaf mill-ewwel. Meta hi staqsitu fejn kien diehel hu qallilha fil-koxxa tal-garaxx.

Semmiet li Mckay kellu qisu bhal barxa ma' imniehru, u beda jghid li kisru u ma kisrux, u mill-espert tal-Qorti li kien gie appuntat, Dr. Mario Xerri, li kien gie ordnat mill-Qorti sabiex jezamina l-kompatibilita` ta' l-istess griehi, irrizulta li tant saq b'sahha, li wiccu kien habat mad-***dash board***.

Semmiet li inizjalment beda jwahhal fil-papa` tieghu, li llum mejjet. Hi lill-papa tieghu kienet gabitu quddiemha peress li kellha d-dubju. Herman Mckay kien qalilha li iva hu kien qed isuq fil-fatt. Fl-ahhar kien qalilha li kien Herman Mckay li kien qed isuq il-karozza, u l-istess verzjoni kienet nghatat ukoll minn Stephen Borg fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Demicoli.

Fl-24 ta' Novembru, 2004 il-Qorti kienet innominat lil Mr Charles Grixti bhala espert mediku.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Rat ir-rapport tal-Consultant Orthopaedic Surgeon Mr Anthony A Bernard fejn semma li l-attur kien sofra ***segmental fracture*** fuq it-***tibia*** tax-xellug. Semma li wara xi zmien il-ksur ***"united satisfactorily"***. Semma ***"There***

***is tethering of the long flexor tendon to the big toe in the leg which is limiting dorsiflexion of the angle joint……I therefore rate his disability as a result of his injury at 8% (eight per centum). "***

Rat id-digriet tal-11 ta' Lulju, 2005 fejn il-Qorti kkonkludiet li l-konvenut ma kienx iggustifika l-kontumacja.

Rat ir-rapport ta' Mr Charles Grixti (fol 78 et tal-process) li fih ikkonkluda li :
"Stephen Borg sofra ksur segmentali fil-qasba tas-sieq tax-xellug (shaft left tibia) u fil-'***fibula***' tax-xellug kagun ta' l-accident li kellu fit-23 ta' Jannar 2004. Dam aktar minn sena biex ghaqdet il-qasba tas-sieq tax-xellug u fil-fatt Borg irritorna ghax-xoghol sena u disa' xhur wara l-accident.

L-ilment ta' Borg huwa accettabli fid-dawl ta' ksur fit-'tibia' e l-'***fibula***' tax-xellug. Huwa fatt li ksur bhal dan jista' jibqa jikkaguna wgiegh f'sitwazzjonijiet ta' kasha w umdita`.

Il-fatt li ghad hemm il-virga w z-zewg viti fil-qasba tas-sieq tax-xellug izidu r-riskju li tista' tizvillupa nfezjoni f'dis-sieq jekk ikun hemm xi bactermia ezistenti fil-gisem.

Fil-fatt Borg ikollu bzonn operazzjoni ohra biex jitnehhew l'impjant tal-hadid li fadal fis-sieq ix-xellugija.

Jiena nistma d-dizabilita` li jsofri minnha Borg kagun ta' l-accident li kellu fit-23 ta' Jannar 2004 ta' 8% (tmienja fil-mija).

Din il-figura tinsel ghal 6% (sitta fil-mija) ladarba jitnehhew l-impjanti mill-qasba tas-sieq tax-xellug."

F'dan l-istadju din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza ta' din il-Qorti kif presjeduta tal-10 ta' Mejju 2005 fl–ismijiet **Ransley John et vs Restall Edward et** minhabba li ser tuza' l-istess principji.

Id-danni jridu jigu ezaminati taht zewg aspetti u cioe` dawk ta' ***damnun emergens*** u ***lucrum cessans.***

***Damnum Emergens***
Kawza ta' dan l-incident Stephen Borg kellu jiddahhal l-isptar fejn sarulu diversi interventi kirurgici u ***physiotherapy***. Kif issemma fuq sofra dizabilita' ta' 8% ghalkemm Mr Grixti ikkwalifika li l-figura tinzel ghal 6% ldarba jitnehhew l-impjanti mill-qasba tas-sieq tax-xellug.

L-ammonti kollha relevanti u li hemm ricevuta taghhom huma LM60 u LM15 [fol 66 u 67 process] total LM75. It-telf ta' pagajohrog mid-dokumenti a fol 67 sa 69 tal-process fejn minn Gross Emoluments ta' 5362 [ghal 2002] u 5410 [ghal 2003] spicca 2149 [ghal 2004] minhabba li ma attendix ghax-xoghol regolarment. Ghalhekk dan wassal ghal telf ta' LM3500. Izda r-rikorrent ibbenifika mill-beneficji socjali ta' xi LM1300 u ghalhekk l-ammont li verament tilef bhala telf ta' paga kien ta' LM2200. [Sfortunatament l-attur lanqas biss ipprezenta prospett u l-qorti kellha toqghod tqalleb fil-process biex tasal ghal dawn il-konkluzjonijiet.] Ghalhekk it-total ilehhaq <u>LM2275</u>.

***Lucrum Cessans***
Jirrizulta li l-attur kell 37 sena fid-data tal-incident u kellu paga ta' LM5500 fis-sena.

***Multiplier***
Hawnhekk ghandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien ghal zmien twil ibbazat fuq il-principji enuncjati fil-kawza **Butler vs Heard** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-22 ta' Dicembru, 1967. F'dik il-kawza intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wiehed irid jiehu in kunsiderazzjoni c-***"chances and changes of life"***, b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneggjat li jiehu kumpens daqs li kieku baqa' jahdem sad-data li jirtira, izda l-figura tigi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittiehed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna danneggjata setghet, fil-kors normali tal-hajja taghha, ma waslitx qawwija u shiha sa l-eta' tal-pensjoni.

Izda il-figura uzata ghall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem inghatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem gew uzati l-

istess principji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-Kummerc fil-kawza **Lambert vs Buttigieg** deciza fit-18 ta' April, 1963 kienet qalet:
"f'din il-materja ta' *lucrum cessans* il-Qorti ghandha tipprocedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu haga ta' possibilta' u mhux ta' certezza u jkun jista' jonqos minn mument ghall-iehor anke ghal kwalunkwe kawza materjali bhal mewt jew mard tad-danneggjat."

Fil-kawza fl-ismijiet **Darren Sammut vs Eric Zammit** deciza mill-Onor. Qorti tal-Appell Civili Superjuri fit-3 ta' Dicembru, 2004 intqal:
"Din il-Qorti hasbet fit-tul dwar din il-kwistjoni u jidhrilha li l-*multiplier* adottat mill-Qorti ta' l-ewwel grad huwa piuttost eccessiv. Dan ghaliex fis-sistema generalment applikata f'kawzi ghar-rizarciment ta' danni l-ligi ma tghid xejn, ghal anqas kif inhi fil-prezent, dwar il-perjodu li ghandu jigi applikat ghal fini tal-*multiplier* u anqas u anqas ma tghid xejn dwar il-hajja lavorattiva tad-danneggat. Il-provvedimenti tal-Kodici Civili li jirrregolaw il-mod kif ghandhom jitqiesu d-danni jitkellmu b'mod specifiku dwar telf effettiv, konsistenti fi spejjes inkorsi minhabba l-hsara kagunata u it-telf ta' paga jew qligh iehor attwali. Dwar dawn il-Qorti ma ghandha ebda diskrezzjoni u ghandhom jigu rizarciti *in toto*. Izda fir-rigward ta' telf ta' qligh li dik il-persuna tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, s-subartikolu (2) tal-Artikolu 1045 tal-Kap 16 jiddisponi li "Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u l-grad ta' inkapacita`, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."

Hawn ghalhekk naraw element diskrezzjonali li qed jinghata lill-gudikant. Il-ligi ma tridx li l-kumpens ikun biss rizultat ta' ezercizzju matematiku – ghalkemm tali ezercizzju huwa wiehed siwi u jwassal ghal certa uniformita` fil-likwidazzjoni tad-danni kif effettivament gara wara s-sentenza ta' '**Butler vs Heard**' – b'dana kollu l-gudikant ghandu jzomm quddiem ghajnejh aspett aktar wiesa' tal-problema u fl-ammont li finalment jakkorda bhala danni ghal-telf futur – dawk li fil-***gergo*** huma

maghrufa bhala ***'lucrum cessans'*** - jipprova jimprimi sens ta' gustizzja billi mhux biss ihares lejn l-interessi tad-danneggat izda billi wkoll jittiehed in konsiderazzjoni dak li jkun kkawza d-dannu."

Il-***multiplier*** adoperat varja u kien ta' 5 snin fil-kaz ta' persuna ta' 53 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004, ta' 15 fil-kaz ta' persuna ta' 22 sena **Butler vs Heard** App Civ Sup 22-Dec-1967, 15 il-sena fuq persuna ta' 24 **Gauci vs Xuereb** PA 29-Ott-1970, ta' 18 fuq persuna ta' 28 sena **Camilleri vs Polidano** PA 1-Ott-1982, ta' 18 fil-kaz ta' persuna ta' 42 **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 34 sena **Bugeja vs Agius** App Civ Sup 26-Lul-1991, ta' 20 fil-kaz ta' persuna ta' 33 sena **Dalmas vs Ghigo** App Civ Sup 5-Frar-1980, ta' 25 fil-kaz ta' persuna ta' 30 sena **Caruana vs Camilleri** App Civ Sup 27-Feb-2004, ta' 26 fil-kaz ta' persuna ta' 35 sena **Seisun vs Brincat** PA 29-Ott-1998, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 17 **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 26 **Grima vs Penza** PA 30-Gun-2004, ta' 30 fil-kaz ta' persuna ta' 23 sena **Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005, ta' 35 fil-kaz ta' persuna ta' 18 sena **Sammut vs Zammit** App Civ Sup 3-Dic-2004, ta' 36 fil-kaz ta' persuna ta' 20 sena **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004.

Dan kollu juri li mhux dejjem ittiehdet l-istess linja ta' Multiplier. Zgur li ripetutament gie enfasizzat li s-sistema ta' multiplier kif koncepita ma tiehux in konsiderazzjoni l-aspettattiva tal-hajja lavorattiva fit-totalita' taghha [ara **Bugeja vs Agius** fuq imsemmija].

Wara li l-Qorti qieset dawn il-fatturi tqis li ghandha tadopera ***multiplier*** ta' <u>22 ghall-kaz in ezami</u>.

***Paga u gholi tal-hajja***

Normalment il-paga minima nazzjonali titla' b'zewg liri fil-gimgha kull sena. Dan ifisser li kull sena il-paga kienet ser tizdied b'LM104 ghal 22 sena [u jekk wiehed jiehu l-medja, dan ifisser il-medja tas-salarju prezenti (5500) u dak tal-ahhar salarju (2288 + 5500 = 7788 ) ossia 5500 + 7788 = 13288 /2 = 6644] u <u>jwassal ghal LM6644</u>. Dan

oltre l-awment tal-gholi tal-hajja li spiss jissupera ferm aktar l-awment tal-paga.

***Disabilita`***

Mir-rapport mediku ta' Dr. Bernard [fol 63 sa 65 tal-process] jirrizulta` li d-disabilita` prezenti tal-attur hija ta' madwar 8%***.*** Mir-rapport ta' Mr Grixti [l-espert nominat mill-Qorti] u liema rapport hu aktar recenti id-dizabilita` hija ta' 8% izda li din il-figura tinzel ghal 6% ladarba jitnehhew l-impjanti mill-qasba tas-sieq tax-xellug. Ghalhekk il-Qorti sejra toqghod fuq il-bazi ta' <u>6% bhala disabilita`.</u>

***Lump Sum Payment***

Spiss l-ammont dovut ikun irid jitnaqqas minhabba l-***lump sum payment***. Dan hu dipendenti minn kemm ikunu ghaddew numru ta' snin mill-event damnuz u s-sentenza finali [**Scicluna vs Meilaq** PA 16 ta' Lulju, 2001]. Fil-kawza **Caruana vs Camilleri** PA 5 ta' Ottubru, 1993 il-Qorti hasset li minn dan ghandu jonqos xi 2% ghal kull sena ta' dewmien. Gie wkoll propost li m'ghandux awtomatikament jitnaqqas skond kemm iddum il-kawza:
"jekk id-danneggant ma jkollux htija fid-dewmien tal-kawza, m'ghandux ikun hemm tnaqqis fil-***lump sum deduction***"
– **Agius vs Fenech** 29 ta' Ottubru, 2003.

Fil-kawza **Mizzi vs Azzopardi** PA 16-Dic-2004 is-somma giet ridotta bi 18% ghax kienu ghaddew tliet snin, waqt li fil-kawzi **Spiteri vs Zammit Tabona** App Civ Sup 16-Mar-1999 u **Caruana A vs Camilleri O** App Civ Sup 27-Frar-2004, minhabba li ghaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% gie mnaqqas ukoll fil-kawza **Galea vs Piscopo** PA 3-OTT-2003, 5% f'**Scicluna vs Meilaq** PA 16-Lul-2001 u 0% fil-kawzi **Turner vs Agius** App Civ Sup 28-Nov-2003, **Bonnici vs Gauci** PA 15-Sett-1999 meta ghaddew 15-il sena, f'**Zammit vs Zahra** PA 20-Jan-2005 meta ghaddew 17-il sena, u **Schembri vs Caruana** Kum 20-Apr-1990 meta ghaddew 19-il sena.

Izda ghal kaz in ezami dan fil-fehma tal-Qorti jrid ikun hemm <u>tnaqqis ta' 15%.</u>

***Kunsiderazzjonijiet ohra***

Kunsiderazzjonijiet ohra ta' dan it-tip ta' kawzi bhal kuncett tal-konsum personali, u tad-***dependency issue*** ma humiex applikabbli ghal dan il-kaz.

***Likwidazzjoni tal-ammont ta' lucrum cessans***

Ghalhekk il-Qorti trid issa tillikwida l-ammont dovut.

I. Il-qliegh medju annwali tal-attur inkluz l-gholi tal-hajja jammonta ghal LM6644;

II. Irid jitqies ***multiplier*** ta' 22. Dan igib l-ammont ta' LM146168;

III. Il-Qorti trid tqis il-grad ta' disabilita` li f'dan il-kaz hu ta' 6% u ghalhekk jammonta ghal ossia LM8770;

IV. Wara jrid jitnaqqas 15% tal-lump sum payment u dan iwassal ghal LM7454;

V. Ma' dan irid jizdied l-ammont ta' ***damnum emergens*** ta' LM 2275 u dan iwassal it-total ghal LM9729.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident li sehh fit-23 ta' Jannar 2004, fuq deskritt, f'liema incident l-atturi sofrew danni.

Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-atturi b'konsegwenza ta' l-incident imsemmi fl-ammont ta' LM9729.

Tikkundana lill-konvenut ihallas lill-atturi d-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet mil-lum kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------